



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 22 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

**2023/0055(COD)
LEX 2468**

PE-CONS 43/25

**TRANS 447
IA 150
CODEC 1474
JAI 1364
CATS 51
COPEN 289**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI TEMENDA D-DIRETTIVA (UE) 2025/...
DWAR ĊERTI SKWALIFIKI MIS-SEWQAN**

DIRETTIVA (UE) 2025/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 2025

li temenda d-Direttiva (UE) 2025/...⁺ dwar ċerti skwalifiki mis-sewqan

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), il-punt (c), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza tad-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

¹ ĠU C 293, 18.8.2023, p. 133.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2024 u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-29 ta' Settembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) It-titjib tas-sikurezza fit-toroq huwa objettiv primarju tal-politika tat-trasport tal-Unjoni. Fil-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 tagħha, il-Kummissjoni impenjat ruħha mill-ġdid għall-għan ambizzjuż li sal-2050 tersaq aktar qrib imwiet zero u korrimenti serji zero fit-toroq tal-Unjoni ("Viżjoni Zero"), kif ukoll għall-mira li fuq perjodu medju tnaqqas l-imwiet u l-korrimenti serji b'50 % sal-2030.
- (2) Biex jintlaħaq l-għan li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, il-Ministri għat-Trasport tal-Istati Membri, fid-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta dwar is-Sikurezza fit-Toroq tad-29 ta' Marzu 2017, appellaw biex jissaħħaħ il-qafas ġuridiku tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq, b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkooperaw fil-kwistjoni tal-iskwalifiki mis-sewqan tas-sewwieqa mhux residenti.
- (3) Minħabba l-moviment liberu tal-persuni u l-livell li qed jiżdied ta' traffiku fit-toroq madwar id-dinja, spiss jiġu imposti skwalifiki mis-sewqan minn Stat Membru li ma jkunx dak fejn normalment ikun residenti s-sewwieq jew li jkun ħariġlu l-liċenzja tas-sewqan.

- (4) Bħalissa, Stat Membru li ma jkunx dak fejn normalment ikun residenti s-sewwieq jew li ma jkunx l-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan (l-“Istat Membru tal-ħruġ”) jista' jiehru miżuri, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, b'reazzjoni għal imġiba illegali fit-territorju tiegħu mid-detentur ta' liċenzja tas-sewqan miksuba fi Stat Membru ieħor. Dawn il-miżuri jirriżultaw frifjuti tar-rikonossiment tal-validità tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa minn Stati Membri oħra u, għalhekk, frestrizzjoni tad-dritt tas-sewqan tal-persuna kkonċernata. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali miżuri jkun limitat għat-territorju tal-Istat Membru fejn tkun saret l-imġiba illegali, u l-effett tagħhom ikun limitat għar-rifjut tar-rikonossiment tal-validità ta' dik il-liċenzja tas-sewqan f'dak it-territorju. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' azzjoni mill-Istat Membru tal-ħruġ, dik il-liċenzja tas-sewqan tibqa' rikonossuta fil-bqija tal-Istati Membri. Dan ix-xenarju jżomm milli jinkiseb livell ogħla ta' sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Jenħtieġ li s-sewwieqa skwalifikati mis-sewqan fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-ħruġ ma jaħarbux l-effetti ta' dik il-miżura meta jkunu jinsabu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn twettaq ir-reat (l-“Istat Membru fejn isir ir-reat”).
- (5) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti kollha tat-toroq fl-Unjoni, jeħtieġ jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-iskwalifiki mis-sewqan imposti minn Stat Membru li ma jkunx dak li ħareġ il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan, meta tali skwalifiki mis-sewqan jirriżultaw minn reati li jwasslu għal skwalifika mis-sewqan fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

- (6) Madankollu, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tirrikjedix l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar id-definizzjoni ta' reati tat-traffiku fit-toroq, in-natura legali tagħhom u l-miżuri possibbli li jirriżultaw minn tali reati. B'mod partikolari, jenħtieġ li ssir l-implimentazzjoni tal-iskwalifiki mis-sewqan fl-Istat Membru tal-ħruġ irrispettivament minn jekk l-Istat Membru fejn isir ir-reat jikkwalifikax il-miżuri nazzjonali bħala amministrattivi jew kriminali. F'konformità mal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-proċeduri interni tagħhom, fil-limiti tal-liġi nazzjonali tagħhom, biex jiksbu l-aktar implimentazzjoni ta' malajr u effiċjenti ta' din id-Direttiva.

- (7) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, kif ukoll dawk dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji relatati. Barra minn hekk, jenħtieġ li din ma taffettwax il-possibbiltà li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri jeżegwixxu deċiżjonijiet maħruġa minnhom, b'mod partikolari deċiżjonijiet ta' natura kriminali. B'mod partikolari, jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI³ u 2008/947/ĠAI⁴, jew id-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati kif previsti fid-Direttivi 2010/64/UE⁵, 2012/13/UE⁶, 2013/48/UE⁷, (UE) 2016/343⁸, (UE) 2016/800⁹ u (UE) 2016/1919¹⁰ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

³ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16 ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2005/214/oj).

⁴ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/947/oj).

⁵ Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/64/oj>).

⁶ Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2012/13/oj>).

⁷ Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/48/oj>).

⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/343/oj>).

⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/800/oj>).

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/1919/oj>).

- (8) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tippermetti lill-Unjoni tilħaq l-għan li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni kollha. Kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-43/12¹¹, il-miżuri maħsuba biex itejbu s-sikurezza fit-toroq jiffurmaw parti mill-politika tat-trasport u jistgħu jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 91(1), il-punt (c), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dment li jkunu "miżuri biex titjieb is-sikurezza tat-trasport" skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni.
- (9) L-iskwalifiki mis-sewqan li jirriżultaw minn reati li jwasslu għal skwalifika mis-sewqan fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jikkonsistu fl-irtirar, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni tad-dritt tas-sewqan, tal-liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-validità ta' dik il-liċenzja tas-sewqan. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' tali skwalifiki mis-sewqan jenħtieġ li tinkiseb fl-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta' tali rtirar, restrizzjonijiet jew sospensjonijiet mill-Istat Membru li jkun haġeg il-liċenzja tas-sewqan.

¹¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Mejju 2014, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-43/12, ECLI:EU:C:2014:298, il-paragrafu 43.

- (10) Madankollu, it-twettiq ta' reat mhuwiex l-unika ċirkustanza li tista' twassal għal irtirar, sospensjoni jew restrizzjoni tad-dritt għas-sewqan, ta' liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-validità ta' liċenzja tas-sewqan. Ċirkustanzi oħra, bħan-nuqqas ta' ssodisfar tal-istandards minimi stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², jistgħu jwasslu wkoll għal tali irtirar, sospensjoni jew restrizzjoni. Peress li d-Direttiva (UE) 2025/...⁺⁺ tirregola tali standards minimi, id-definizzjonijiet relatati ma' daww it-termini jenħtieġ li jiċċaraw li dawn ikopru l-każijiet kollha li jirriżultaw f'tali irtirar, sospensjoni jew restrizzjoni, u mhux biss daww li jirriżultaw mit-twettiq ta' reat.

¹² Id-Direttiva (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...fi dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda r-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012 (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħgħbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)) u imla n-nota u imla n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħgħbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

- (11) Billi s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, li jfisser sewqan waqt li s-sewwieq ma jkunx kompletament f'sensih minħabba l-alkoħol, kif definit fil-liġi tal-Istat Membru fejn isir ir-reat, is-sewqan taħt l-influwenza tad-drogi u s-sewqan b'veloċità eċċessiva, li jfisser meta jinqabżu l-limiti tal-veloċità fis-seħħ fl-Istat Membru fejn isir ir-reat għat-triq ikkonċernata jew għat-tip ta' vettura kkonċernat, jikkostitwixxu l-kawżi ewlenin ta' ħabtiet u fatalitajiet tat-traffiku fit-toroq fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi applikata l-ogħla diliġenza possibbli għall-każijiet relatati ma' tali reati, li jenħtieġ li jitqiesu bħala reati li jwasslu għal skwalifika mis-sewqan għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, minħabba n-natura serja tagħhom, jenħtieġ li anke r-reati tat-traffiku fit-toroq li jirriżultaw f'mewt jew korriment gravi ta' vittma jitqiesu bħala reati li jwasslu għal skwalifika mis-sewqan fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-impożizzjoni ta' skwalifika mis-sewqan tirrikjedi l-identifikazzjoni preċiża tas-sewwieq li jkun wettaq reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan u jenħtieġ li ma tiġix deċiża abbażi ta' responsabbiltà oġġettiva, bħal li tkun sid il-vettura.
- (12) Jenħtieġ li l-iskwalifiki mis-sewqan jiġu nnotifikati lill-Istat Membru tal-ħruġ f'konformità ma' din id-Direttiva biss jekk ikunu ġew imposti minħabba t-twettiq ta' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan kif definit minn din id-Direttiva.
- (13) Jenħtieġ li l-iskwalifiki mis-sewqan imposti minn Stat Membru fuq persuna li jkollha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor isiru effettivi fit-territorju sħiħ tal-Unjoni, f'termini simili għall-iskwalifiki mis-sewqan imposti fuq persuni li jkollhom liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru li jimponi l-iskwalifika mis-sewqan. Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi li jiddeċiedu kif l-aħjar jiksbu dak ir-riżultat f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom.

- (14) Jenħtieġ li l-Istat Membru fejn isir ir-reat jinnotifika mingħajr dewmien bla bżonn lill-Istat Membru tal-ħruġ dwar kwalunkwe skwalifika mis-sewqan fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva imposta għal durata ta' mill-inqas tliet xhur u li għaliha, fil-mument tan-notifika, il-perjodu ta' sospensjoni jew restrizzjoni li jifdal li jiġi servut skont dik l-iskwalifika tas-sewqan ikun ta' aktar minn xahar, sabiex jiskattaw il-proċeduri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-iskwalifika mis-sewqan fl-Istat Membru tal-ħruġ. Jenħtieġ li din in-notifika tintbagħat f'forma elettronika permezz ta' ċertifikat standard għan-notifika ta' skwalifika mis-sewqan (iċ-"ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan"), biex jiġi żgurat skambju ta' informazzjoni mingħajr xkiel, affidabbli u effettiv bejn l-Istati Membri.

- (15) Jenħtieġ li ċ-ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan ikun fih ġabra minima ta' data li tippermetti l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari jenħtieġ li jinkludi d-dettalji tal-awtorità tal-Istat Membru fejn isir ir-reat li imponiet l-iskwalifika mis-sewqan, ir-reat imwettaq li jwassal għal skwalifika mis-sewqan, l-iskwalifika mis-sewqan li tirriżulta u l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan. Għal dak il-ġhan, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna l-kodiċijiet inklużi fl-Anness I, Parti E, tad-Direttiva (UE) 2025/...⁺ skont att delegat taħt din id-Direttiva, sabiex dawn il-kodiċijiet ikunu disponibbli ferm qabel id-data finali tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. L-użu ta' ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan ser jiggarrantixxi skambju ta' informazzjoni effettiva bla ma jobbliga lill-Istati Membri jikkondividu ammont sproporzjonat jew eċċessiv ta' informazzjoni.
- (16) L-ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan jenħtieġ li jiġi tradott ukoll fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li tkun lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ jew fi kwalunkwe lingwa oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li l-Istat Membru tal-ħruġ ikun aċċetta, biex jiġi żgurat ipproċessar malajr mid-destinatarju.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

- (17) L-impożizzjoni tal-iskwalifika mis-sewqan b'reazzjoni għal imġiba illegali tikkontribwixxi biex jiġi garantit livell għoli ta' sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Abbażi tal-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa fl-Istati Membri, jenħtieġ li jkun possibbli li l-miżuri li jikkonċernaw l-irtirar, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru tal-ħruġ jiġu infurzati awtomatikament mill-Istati Membri l-oħra kollha, billi l-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan ma tkunx tista' tippreżenta dokument validu biex tivverifika d-dritt tas-sewqan tagħha. Għalhekk, malli jiġi nnotifikat bl-iskwalifika mis-sewqan imposta, u dment li ma tkunx tapplika jew tiġi invokata raġuni għal eżenzjoni, jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ jiehli l-miżuri xierqa biex jimplimenta l-iskwalifika mis-sewqan.

- (18) Jenħtieġ li l-miżura li tittieħed mill-Istat Membru tal-ħruġ tvarja skont in-natura speċifika tal-iskwalifika mis-sewqan. Billi l-irtirar, is-sospensjonijiet jew ir-restrizzjonijiet neċessarjament ikollhom konsegwenzi differenti, dawn jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' proċeduri differenti f'konformità mal-kompetenzi tal-Istati Membri involuti. Fir-rigward tal-irtirar, il-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan jenħtieġ li tkun tista' tirkupra l-liċenzja tas-sewqan tagħha jew li tapplika għal liċenzja tas-sewqan ġdida f'konformità mad-Direttiva (UE) 2025/...⁺. Meta l-Istat Membru tal-ħruġ ma jipprevedix il-possibbiltà ta' rtirar, jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ jissospendi l-liċenzja tas-sewqan, jivvaluta l-idoneità jew il-kompetenza biex isuq tad-detentur ta' dik il-liċenzja tas-sewqan u jieħu kwalunkwe miżura meqjusa xierqa wara dik il-valutazzjoni. Fir-rigward ta' sospensjoni jew ir-restrizzjoni, jenħtieġ li jiġi żgurat li tiġi implimentata d-durata ta' tali miżuri biss, anke meta l-iskwalifika mis-sewqan tipprevedi kundizzjonijiet komplementari, minħabba li l-għan primarju ta' dik is-sospensjoni jew restrizzjoni huwa li temporanjament jew parzjalment twaqqaf lill-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan milli ssuq u mhux li tiddetermina kif jenħtieġ li dik il-persuna tirkupra l-liċenzja tas-sewqan tagħha. Madankollu, jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġi vvalutat jekk il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tippreżentax riskju għas-sikurezza fit-toroq u li jiġu adottati miżuri li jirriflettu din il-valutazzjoni.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

- (19) Jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ ikollu l-għan li, fil-limiti legali eżistenti tal-liġi nazzjonali, jiżgura li l-miżuri meħuda fir-rigward tal-iskwalifiki mis-sewqan jikkorrispondu kemm jista' jkun għall-miżuri imposti mill-Istat Membru fejn isir ir-reat.
- (20) Meta Stat Membru fejn isir ir-reat jimponi skwalifika mis-sewqan fuq persuna li jkollha r-residenza normali tagħha f'dak l-Istat Membru iżda jkollha liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru fejn isir ir-reat ikun intitolat jiskambja l-liċenzja tas-sewqan biex japplika dik l-iskwalifika mis-sewqan. Fejn Stat Membru fejn isir ir-reat jirtira l-liċenzja tas-sewqan ta' persuna li jkollha residenza normali tagħha fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-ħruġ, jenħtieġ li l-Istat Membru tar-residenza normali jkun responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida, filwaqt li jqis l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istat Membru tal-ħruġ fin-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE, imsemmi fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.

¹³ Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/126/oj>).

- (21) Jenħtieġ li l-Istat Membru fejn isir ir-reat, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu u b'effetti limitati għat-territorju tiegħu, ikun jista' jkompli japplika l-iskwalifiki mis-sewqan u kwalunkwe kundizzjoni komplementari relatata sakemm il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tikkonforma magħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istat Membru fejn isir ir-reat ikun jista' jimponi rekwiżiti dwar l-iskadenza ta' perjodu ta' żmien fiss, bħal perjodu li fih is-sewwieq soġġett għall-iskwalifika mis-sewqan huwa projbit milli jirkupra l-liċenzja tas-sewqan eżistenti jew milli japplika għal-liċenzja tas-sewqan ġdida (“perjodu ta' projbizzjoni”), u jenħtieġ li tali rekwiżiti ma jitqisux bħala kundizzjonijiet komplementari skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. Matul dan il-perjodu ta' projbizzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istat Membru fejn isir ir-reat jiddeċiedi li ma jirrikonoxxi l-validità ta' liċenzja tas-sewqan li tkun ġiet irkuprata jew ta' liċenzja tas-sewqan ġdida li tkun inkisbet fl-Istat Membru tal-ħruġ. Madankollu, wara li jiskadi tali perjodu ta' projbizzjoni, jenħtieġ li l-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Istat Membru tal-ħruġ tiġi rikonoxxuta mill-Istat Membru fejn isir ir-reat, irrispettivament minn jekk tkunx inħarġet matul tali perjodu ta' projbizzjoni.

- (22) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2025/...⁺ li jiddikjaraw li jenħtieġ li liċenzja tas-sewqan titqies bħala kkanċellata, irtirata, sospiża jew ristretta sa meta l-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan tkun issodisfat kwalunkwe kundizzjoni, imposta mill-Istat Membru tal-ħruġ, li dik il-persuna tkun meħtieġa tikkonforma magħha sabiex tkun tista' tirkupra l-liċenzja tas-sewqan jew tapplika għal waħda ġdida. F'każ li liċenzja tas-sewqan tinħareġ bi żball lil applikant li jkun għadu ma ssodisfax kwalunkwe kundizzjoni bħal din, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxuha, anke wara tmiem il-perjodu ta' projbizzjoni.
- (23) Meta l-Istat Membru tal-ħruġ ikun adotta miżuri biex jimplimenta l-iskwalifika mis-sewqan u sussegwentement ikun ivvaluta mill-ġdid jekk ikunx xieraq li l-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan tirkupra l-liċenzja tas-sewqan tagħha, jenħtieġ li dik il-valutazzjoni tiġi rikonoxxuta fl-Unjoni kollha u għalhekk anke fl-Istat Membru fejn isir ir-reat, dment li jkun għadda l-perjodu ta' żmien fiss impost mill-Istat Membru fejn isir ir-reat bħala parti mill-iskwalifika mis-sewqan.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

- (24) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri mill-Istat Membru tal-ħruġ isservi biex jiġi żgurat li skwalifika mis-sewqan tiġi implimentata u jenħtieġ li din ma tkunx tirrikjedi valutazzjoni ġdida tal-fatti li jwasslu għall-iskwalifika mis-sewqan.
- (25) Sabiex jiġi garantit li l-implimentazzjoni ta' skwalifika mis-sewqan ma tmurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, id-drittijiet fundamentali jew l-eċċezzjonijiet previsti fil-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ, huwa xieraq li jiġu stabbiliti ċerti raġunijiet li jeżentaw lill-Istat Membru tal-ħruġ mill-obbligu li jadotta l-miżuri. Fir-rigward ta' raġunijiet għal eżenzjoni li mhumix obbligatorji, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li tali raġunijiet għandhom jiġu vvalutati b'mod sistematiku mill-awtorità kompetenti jew għandhom jiġu vvalutati biss jekk ikun hemm raġuni sostanzjali biex wieħed jemmin li japplikaw tali raġunijiet. Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan ikollha l-possibbiltà li tfittex rimedju legali fir-rigward tal-valutazzjoni u l-applikazzjoni tar-raġunijiet għal eżenzjoni mill-Istat Membru tal-ħruġ, f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru.

- (26) Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tar-regoli tat-traffiku fit-toroq tappoġġa s-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali, tiffaċilita l-imġiba legali u tippermetti lis-sewwieqa jirrispettaw ir-regolamenti tat-traffiku nazzjonali, inkluż meta jsuqu barra mill-pajjiż. Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li d-data statika u dinamika fir-rigward tal-limiti tal-veloċità applikabbli għan-network trans-Ewropew komprensiv għat-toroq, awtostradi u sezzjonijiet oħra ta' toroq primarji, kif ukoll għall-bliet fiċ-ċentru tan-nodi urbani, taħt ċerti kundizzjonijiet, tkun disponibbli u aċċessibbli permezz ta' punti ta' aċċess nazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2028. Id-Direttiva 2010/40/UE thegħgeġ ukoll lill-Istati Membri biex jagħmlu d-data dwar il-limiti tal-veloċità aċċessibbli għal partijiet oħra tan-network tat-toroq tagħhom. Fiha klawwsola ta' rieżami, li abbażi tagħha l-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-progress li jkun sar fir-rigward tad-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data, fost l-oħrajn, u tippromponi, fejn xieraq, li sal-31 ta' Diċembru 2028 tadatta l-kopertura ġeografika ta' ċerti tipi ta' data meqjusa kruċjali.
- (27) Fl-interess tas-sikurezza fit-toroq u sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan u lill-Istat Membru fejn isir ir-reat, jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ jimplimenta l-iskwalifika mis-sewqan jew japplika raġuni għal eżenzjoni mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, u fi kwalunkwe każ fil-limiti ta' żmien, jekk ikun hemm, stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali rigward l-impożizzjoni ta' skwalifika mis-sewqan. Jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ jinforma lill-Istat Membru fejn isir ir-reat dwar kwalunkwe dewmien.

¹⁴ Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1, ELI:<http://data.europa.eu/eli/dir/2010/40/oj>).

- (28) L-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva tippresupponi komunikazzjoni mill-qrib, rapida u effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti. Jenħtieġ li l-komunikazzjonijiet kollha bejn l-Istat Membru fejn isir ir-reat u l-Istat Membru tal-ħruġ għall-fini tal-implimentazzjoni ta' skwalifika mis-sewqan isiru permezz tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE msemmi fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2006/126/KE u jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dak in-network ikun mgħammar bir-riżorsi meħtieġa biex iwettaq dak il-kompitu. Barra minn hekk, f'każijiet speċifiċi definiti sew, jenħtieġ li kemm l-Istat Membru tal-ħruġ kif ukoll l-Istat Membru fejn isir ir-reat jiskambjaw mingħajr dewmien informazzjoni importanti fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri jikkonsultaw lil xulxin kull meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż fir-rigward ta': l-adozzjoni ta' miżuri li jimplimentaw l-iskwalifika mis-sewqan; deċiżjonijiet meħuda għal raġunijiet ta' eżenzjoni; it-tlestija tal-iskwalifika mis-sewqan; u kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa l-iskwalifika mis-sewqan imposti oriġinarjament, bħar-rieżami mill-awtoritajiet nazzjonali tal-iskwalifika mis-sewqan oriġinarjament imposta mill-Istat Membru fejn isir ir-reat jew l-issodisfar tal-kundizzjonijiet komplementari mill-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan fl-Istat Membru fejn isir ir-reat.

- (29) Jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ jinforma lill-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan imposta mill-Istat Membru fejn isir ir-reat, sa fejn ikun possibbli, mhux aktar tard minn 20 jum tax-xogħol wara li jirċievi n-notifika tal-iskwalifika mis-sewqan imposta f'konformità mal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali tiegħu.
- (30) Wara li jimplimenta l-iskwalifika mis-sewqan, jenħtieġ li l-Istat Membru tal-ħruġ jinforma lill-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan, sal-iskadenzi stabbiliti għan-notifika ta' deċiżjonijiet simili skont il-liġi nazzjonali tiegħu, bl-adozzjoni tal-miżuri meħuda biex tiġi implimentata dik l-iskwalifika mis-sewqan, b'mod partikolari sabiex ikunu jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet fundamentali.
- (31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkunu disponibbli rimedji legali adegwati fir-rigward tal-miżuri meħuda skont din id-Direttiva, u li l-informazzjoni dwar tali rimedji tiġi pprovduta f'żmien debitu biex jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv. Madankollu, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li l-iskwalifika mis-sewqan imposta mill-Istat Membru fejn isir ir-reat tiġi kkontestata b'azzjoni mressqa fl-Istat Membru tal-ħruġ.

- (32) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tagħhom hija dritt fundamentali. F'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 16(1) TFUE, l-individwi għandhom id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali relatata magħhom. L-atti rilevanti leġislattivi tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶, jenħtieġ li japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.
- (33) Din id-Direttiva tistabbilixxi l-bażi legali għall-iskambju tad-data personali għall-fini tal-implimentazzjoni tal-iskwalifiki mis-sewqan imposti minn Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-ħruġ. Dik il-bażi legali hija konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 u mad-Direttiva (UE) 2016/680. Jenħtieġ li d-data personali li għandha tiġi skambjata mal-Istat Membru tal-ħruġ tkun limitata għal dak li jkun meħtieġ biex ikun hemm konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj>).

- (34) Biex ikun żgurat l-iskambju mingħajr xkiel, affidabbli u effettiv tal-informazzjoni, jenħtieġ li kull Stat Membru jiddeżinja punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed jew aktar għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-punti ta' kuntatt nazzjonali rispettivi tagħhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tal-iskwalifiki mis-sewqan koperti minn din id-Direttiva, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi kondiviża f'waqtha.
- (35) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeżinjaw punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed jew aktar u awtorità kompetenti waħda jew aktar biex iwettqu l-kompiti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddefinixxu r-regoli għall-kooperazzjoni fost dawk l-entitajiet nazzjonali, biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' din id-Direttiva.
- (36) Fl-interess ta' infurzar effettiv tal-iskwalifiki mis-sewqan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw id-dritt tas-sewqan, speċjalment meta jkun hemm dubju dwar jekk is-sewwieq ikkonċernat huwiex taħt l-effett ta' skwalifika mis-sewqan, b'mod partikolari f'każijiet fejn ma jiġux ċeduti liċenzji tas-sewqan fiżiċi.
- (37) Jenħtieġ li l-Istati Membri regolarment jiġbru statistika dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u jibagħtuha lill-Kummissjoni, inizjalment erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u kull ħames snin wara dan.

- (38) Skemi nazzjonali ta' punti penali, li skonthom detentur ta' liċenzja tas-sewqan jitlef jew jakkumula punti b'rabta mat-twettiq ta' ċerti reati, mhumix indirizzati minn din id-Direttiva. L-Istati Membri jadottaw approċċi differenti, bħall-impożizzjoni immedjata ta' miżuri aktar stretti jew l-iffukar fuq kampanji mmirati ta' infurzar u prevenzjoni. Meta twettaq ir-rieżami tagħha ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta kif ittejjeb is-sikurezza fit-toroq u tiffaċilita lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' diversi sfidi, mingħajr ma tipprijoritizza kwalunkwe approċċ speċifiku.
- (39) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-format u l-kontenut ta' ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (40) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sikurezza fit-toroq madwar l-Unjoni billi tiġi prevista n-notifika u implimentazzjoni ta' skwalifika mis-sewqan imposta minħabba t-twettiq ta' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-ħruġ jew l-Istat Membru tar-residenza normali, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effett ta' din id-Direttiva, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
- (41) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2025/...⁺ tiġi emendata skont dan.
- (42) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ u ta opinjoni fl-14 ta' Ġunju 2023,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva (UE) 2025/...⁺

Id-Direttiva (UE) 2025/...⁺ hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(1), jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(e) notifika u implimentazzjoni ta' skwalifika mis-sewqan imposta minħabba t-twettiq ta' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-ħruġ jew l-Istat Membru tar-residenza normali.";

(2) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(15) "skwalifika mis-sewqan" tfisser il-kanċellazzjoni, l-irtirar, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni tad-dritt tas-sewqan ta' sewwieq ta' vettura bil-magna, tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu jew tagħha jew tar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu jew tagħha permezz ta' deċiżjoni meħuda minn awtorità kompetenti li saret infurzabbli, irrispettivament minn jekk dik il-kanċellazzjoni, l-irtirar, is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni tistax tiġi kkwalifikata bħala miżura amministrattiva jew kriminali u irrispettivament minn jekk tikkostitwixxi penali primarja, sekondarja jew supplimentari jew miżura ta' sikurezza;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru ta' referenza tad-Direttiva li jinsab fid-dokument ST 8353/25 (2023/0053 (COD)).

- (16) "kanċellazzjoni" tfisser l-invalidazzjoni tad-dritt tas-sewqan, tal-liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-liċenzja tas-sewqan, għal raġunijiet amministrattivi bħannuqqas ta' ssodisfar tal-kriterji għall-kisba ta' liċenzja tas-sewqan jew bħall-kisba ta' liċenzja tas-sewqan bl-użu ta' mezzi frodulent, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li tinvalida d-dritt għas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew ir-rikonoxximent tal-liċenzja tas-sewqan;
- (17) "irtirar" tfisser ir-revoka tad-dritt tas-sewqan, tal-liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan, minħabba t-twettiq ta' reat, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn isir ir-reat jew, f'każijiet fejn id-dritt tas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew ir-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan tiġi revokata għal raġunijiet oħra, tal-Istat Membru li jirtira d-dritt tas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew ir-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan;
- (18) "sospensjoni" tfisser il-limitazzjoni temporanja tad-dritt tas-sewqan, tal-liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan, għal perjodu ta' żmien fiss, jew għal kombinament ta' perjodu ta' żmien fiss u sama jiġu ssodisfati kundizzjonijiet komplementari, minħabba t-twettiq ta' reat, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn isir ir-reat jew, f'każijiet fejn id-dritt tas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew il-validità tal-liċenzja tas-sewqan tkun temporanjament limitata għal raġunijiet oħra, tal-Istat Membru li jissospendi d-dritt tas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew ir-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan;

- (19) "restrizzjoni" tfisser il-limitazzjoni parzjali tad-dritt tas-sewqan, tal-liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan, jew għal perjodu ta' żmien fiss jew sa ma jiġi ssodisfati kundizzjonijiet komplementari, jew għal kombinament ta' perjodu ta' żmien fiss u sa ma jiġi ssodisfati kundizzjonijiet komplementari, minħabba t-twettiq ta' reat, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn isir ir-reat jew, f'każijiet meta id-dritt tas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew il-validità tal-liċenzja tas-sewqan tkun parzjalment limitata għal raġunijiet oħra, tal-Istat Membru li jirrestrinġi d-dritt tas-sewqan, il-liċenzja tas-sewqan jew ir-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan ;
- (20) "kundizzjonijiet komplementari" tfisser kundizzjonijiet, minbarra l-iskadenza ta' perjodu ta' żmien fiss, li persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan jew tkun meħtieġa tikkonforma magħhom sabiex tirkupra d-dritt tas-sewqan jew il-liċenzja tas-sewqan tagħha jew tirkupra r-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan tagħha jew li tista' tikkonforma magħhom sabiex tiffaċilitaha;
- (21) "Stat Membru fejn isir ir-reat" tfisser l-Istat Membru fejn ikun sar ir-reat;
- (22) "Stat Membru tal-ħruġ" tfisser l-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tas-sewqan;

- (23) "reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan" tfisser kwalunkwe wieħed mir-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq li ġejjin:
- (a) sewqan taħt l-influwenza tax-xorb kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (g), tad-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;
 - (b) sewqan taħt l-influwenza tad-drogi kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (h), tad-Direttiva (UE) 2015/413;
 - (c) sewqan b'veloċità eċċessiva kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2015/413;
 - (d) imġiba li tikser ir-regolamenti tat-traffiku fit-toroq, u li tkun ikkawżat, b'vettura awtopropulsiva għat-triq, il-mewt jew il-korriment serju ta' persuna oħra, kif definit fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn isir ir-reat.";

* Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni u assistenza reċiproka dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/413/oj>).”;

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 15a

Dmir li skwalifiki mis-sewqan jiġu notifikati

1. L-Istat Membru fejn isir ir-reat għandu, wara verifika, jekk xieraq, li l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan m'għandhiex ir-residenza normali tagħha fit-territorju tiegħu u m'għandhiex liċenzja tas-sewqan maħruġa minn dak l-Istat Membru, jinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-Istat Membru tal-ħruġ bl-iskwalifika mis-sewqan, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) l-iskwalifika mis-sewqan tikkostitwixxi rtirar, sospensjoni jew restrizzjoni tad-dritt tas-sewqan, tal-liċenzja tas-sewqan jew tar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzja tas-sewqan;
 - (b) l-iskwalifika mis-sewqan tkun ġiet imposta minħabba t-twettiq ta' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn isir ir-reat;
 - (c) id-deċiżjoni li timponi l-iskwalifika mis-sewqan ma tkunx għadha soġġetta għal dritt ta' appell fl-Istat Membru fejn isir ir-reat;
 - (d) f'każijiet meta l-iskwalifika mis-sewqan tiġi imposta għal perjodu ta' żmien fiss, id-durata tagħha tkun ta' mill-inqas tliet xhur;

- (e) fil-mument ta' notifika, il-perjodu ta' sospensjoni jew restrizzjoni li jifdal li għandu jiġi servut skont l-iskwalifika mis-sewqan huwa ta' aktar minn xahar; u
 - (f) il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tkun ġiet identifikata bħala s-sewwieq li jkun wettaq ir-reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan.
- "2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir f'konformità mal-proċedura stipulata fil-paragrafi 3 u 4.
3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn isir ir-reat għandha timla, tiffirma u tibgħat iċ-ċertifikat standard għan-notifika ta' skwalifika mis-sewqan (iċ-"ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan") lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 22(3a). L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn isir ir-reat għandha tibgħat ukoll id-deċiżjoni li timponi l-iskwalifika mis-sewqan, u l-liċenzja tas-sewqan tal-persuna soġġetta għall-iskwalifika tas-sewqan jekk din tkun ġiet ċeduta, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ħruġ.
4. Iċ-ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan għandu jintbagħat f'forma elettronika. Dak iċ-ċertifikat għandu jistabbilixxi b'mod strutturat mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
- (a) l-isem, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown tal-awtorità kompetenti li tkun imponiet l-iskwalifika mis-sewqan fl-Istat Membru fejn isir ir-reat;

- (b) it-tip ta' reat imwettaq li jwassal għal skwalifika mis-sewqan;
- (c) deskrizzjoni tal-fatti li wasslu għall-iskwalifika mis-sewqan;
- (d) id-dispożizzjonijiet legali applikabbli tal-Istat Membru fejn isir ir-reat;
- (e) fejn applikabbli, il-metodu li jintuża għad-detezzjoni tar-reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan u r-riżultati tal-kejl rilevanti fil-mument tat-twettiq ta' dak ir-reat;
- (f) id-data li ġejja b'rabta mal-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan: isem; l-indirizz użat għall-komunikazzjoni mill-Istat Membru fejn isir ir-reat; in-numru tal-liċenzja tas-sewqan; jekk meħtieġ, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali; u, fejn disponibbli, in-numru tas-sewwieq;
- (g) l-ambitu, il-kontenut u d-durata preċiżi tal-iskwalifika mis-sewqan, inkluż, jekk ikun applikabbli, id-data li fiha jkun beda l-proċess ta' skwalifika mis-sewqan, id-data li fiha s-sospensjoni jew ir-restrizzjoni ma tibqax fis-seħħ, il-kodiċijiet elenkati fl-Anness I, il-Parti E, u kwalunkwe kundizzjoni komplementari stabbilita mill-Istat Membru fejn isir ir-reat;
- (h) il-perjodu fi ġranet tal-iskwalifika mis-sewqan li jkun diġà ġie skontat fl-Istat Membru fejn isir ir-reat, fejn applikabbli;

- (i) fejn applikabbli, kwalunkwe perjodu ta' projbizzjoni applikabbli fl-Istat Membru ta' fejn isir ir-reat għall-irkupru tal-liċenzja tas-sewqan eżistenti jew għall-applikazzjoni ta' liċenzja tas-sewqan ġdida; u
 - (j) avviż dwar jekk il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan ġietx innotifikata bl-iskwalifika mis-sewqan mill-Istat Membru fejn isir ir-reat, jekk il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan appellatx id-deċiżjoni li timponi l-iskwalifika mis-sewqan fl-Istat Membru fejn isir ir-reat u jekk il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan kinitx rappreżentata fil-proċedura ta' appell.
5. Mill-inqas sitt xhur qabel id-data tat-traspożizzjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi:
- (a) il-format u l-kontenut ta' ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan; u
 - (b) il-format għall-informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikoli 15f u 15g.

L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 26(2).

1. Iċ-ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan għandu jintbagħat bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li tkun lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ, jew bi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li l-Istat Membru tal-ħruġ ikun aċċetta f'konformità mal-paragrafu 2.
2. Fi kwalunkwe ħin, kwalunkwe Stat Membru jissottometti lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni li ser jaċċetta ċertifikati standard ta' skwalifika mis-sewqan f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma humiex il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ. L-Istat Membru kkonċernat jista' jimmodifika jew jirtira tali dikjarazzjoni fi kwalunkwe ħin. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri kollha, inkluż fin-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE, biex tiffaċilita n-notifika mill-Istati Membri.
3. Ma għandux ikun hemm l-obbligu fuq l-Istat Membru fejn isir ir-reat li jittraduċi d-deċiżjoni li timponi l-iskwalifika mis-sewqan.

Artikolu 15c

Obbligu għall-Istat Membru tal-ħruġ li jimplimenta skwalifika mis-sewqan imposta mill-Istat Membru fejn isir ir-reat

1. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkollhom is-setgħa li jimplimentaw irtirar, sospensjoni jew restrizzjoni tal-liċenzja tas-sewqan abbażi ta' skwalifika mis-sewqan innotifikata lilhom f'konformità mal-Artikolu 15a.
2. Mingħajr preġudizzju għar-raġunijiet għal eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15e, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura li, f'każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jirċievu ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan f'konformità mal-Artikolu 15a, tali awtoritajiet, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 15d, għandhom jirtiraw, jissospendu jew jirrestrinġu l-liċenzja tas-sewqan.

Artikolu 15d

Implimentazzjoni ta' skwalifika mis-sewqan innotifikata lill-Istat Membru tal-ħruġ

1. Jekk l-iskwalifika mis-sewqan tikkonsisti f'irtirar fl-Istat Membru fejn isir ir-reat, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu:
 - (a) jieħu miżuri li jirriżultaw:
 - (i) fl-irtirar tal-liċenzja tas-sewqan tal-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan; jew

- (ii) fejn l-irtirar mhuwiex previst fl-Istat Membru tal-ħruġ, fis-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal durata stabbilita fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-ħruġ għal dak it-tip ta' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan, valutazzjoni tal-idoneità jew tal-kompetenza biex isuq tas-sewwieq u kwalunkwe azzjoni meqjusa xierqa wara dik il-valutazzjoni;
- (b) iqis, sa fejn ikun kompatibbli mal-liġi nazzjonali tagħha, il-kundizzjonijiet komplementari li l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tkun meħtieġa tikkonforma magħhom u li jkunu diġà ġew issodisfati fl-Istat Membru fejn isir ir-reat; u
- (c) jirreġistra l-miżuri meħuda skont il-punt (a) ta' dan is-subparagrafu fir-reġistru nazzjonali tal-liċenzji tas-sewqan tiegħu sabiex jiżvela dik l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22(3a).

Fil-każ ta' rtirar, il-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tista' tirkupra l-liċenzja tas-sewqan tagħha jew tapplika għal liċenzja tas-sewqan ġdida f'konformità mal-Artikoli 10, 16 u 20.

2. Jekk l-iskwalifika mis-sewqan tikkonsisti f'sospensjoni jew restrizzjoni, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu
- (a) jissospendi jew jirrestrinġi, kif adatt, il-liċenzja tas-sewqan tal-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan, sad-data li fiha s-sospensjoni jew ir-restrizzjoni imposta u nnotifikata mill-Istat Membru fejn isir ir-reat ma tibqax fis-seħħ, jew għal perjodu li jikkorrispondi għad-durata applikata mill-Istat Membru tal-ħruġ għal dak it-tip ta' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan jekk din tkun iqsar mid-durata imposta mill-Istat Membru fejn isir ir-reat;
 - (b) jirreġistra l-miżura meħuda fir-reġistru nazzjonali tal-liċenzji tas-sewqan u jiżvela l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22(3a);
 - (c) meta sospensjoni jew restrizzjoni imposta u nnotifikata mill-Istat Membru fejn isir ir-reat tkun soġġetta kemm għall-iskadenza ta' perjodu ta' żmien fiss u għall-issodisfar ta' kundizzjonijiet komplementari, iqis biss il-perjodu ta' żmien fiss; u
 - (d) meta restrizzjoni tiġi imposta u nnotifikata mill-Istat Membru fejn isir ir-reat, iqisha, sa fejn tkun kompatibbli mal-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ f'termini tan-natura tagħha.

3. Mingħajr preġudizzju għar-raġuni għal eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 15e(1), il-punt (a), meta jadotta miżuri skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jkun marbut bl-informazzjoni u l-fatti pprovduti mill-Istat Membru fejn isir ir-reat u għandu jibbaża fuqhom, f'konformità mal-Artikolu 15a.
4. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jieħu l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu, jew inkella jadotta deċizzjoni li tapplika raġuni għal eżenzjoni skont l-Artikolu 15e, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, u fi kwalunkwe każ fil-limiti taż-żmien, jekk ikun hemm, stipulati fil-liġi nazzjonali rigward l-impożizzjoni ta' skwalifiki mis-sewqan.
5. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni lill-Istat Membru fejn isir ir-reat milli:
 - (a) ma jirrikonossix il-validità tal-liċenzja tas-sewqan li tkun ġiet irkuprata jew tal-liċenzja tas-sewqan ġdida li tkun inkisbet, matul il-perjodu ta' projbizzjoni applikabbli fl-Istat Membru fejn isir ir-reat għall-irkupru tal-liċenzja tas-sewqan eżistenti jew għall-applikazzjoni għal-liċenzja tas-sewqan ġdida; u

- (b) jinforza l-iskwalifika mis-sewqan fit-territorju tiegħu, għad-durata sħiħa tagħha, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) meta l-iskwalifika mis-sewqan li jkun fiha kundizzjonijiet komplementari tiġi nnotifikata lill-Istat Membru tal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 15a, l-Istat Membru fejn isir ir-reat jista' jkompli japplika tali skwalifika mis-sewqan fit-territorju tiegħu sakemm il-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan tikkonforma ma' dawk il-kundizzjonijiet; f'każ bħal dan, l-Istat Membru fejn isir ir-reat għandu jindika permezz tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE d-data li fiha l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tkun issodisfat il-kundizzjonijiet komplementari;
 - (ii) meta l-Istat Membru tal-ħruġ ikun ivvaluta li l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan tissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli fl-Istat Membru tal-ħruġ għall-irkupru tal-liċenzja tas-sewqan tagħha jew għall-applikazzjoni għal liċenzja tas-sewqan ġdida, il-kundizzjonijiet komplementari marbuta mal-iskwalifika mis-sewqan innotifikata f'konformità mal-Artikolu 15a għandhom jitqiesu li ġew issodisfati mill-Istat Membru fejn isir ir-reat; f'każ bħal dan, l-Istat Membru tal-ħruġ għandu jindika fin-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE d-data li fiha l-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan titqies li tkun issodisfat il-kundizzjonijiet applikabbli.

6. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni lill-Istat Membru tal-ħruġ milli jivvaluta l-idoneità u l-kompetenza biex isuq tad-detentur tal-liċenzja tas-sewqan u, wara dik il-valutazzjoni, milli jieħu kwalunkwe miżura meqjusa xierqa f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, filwaqt li jqis ukoll il-miżuri meħuda mill-Istat Membru fejn isir ir-reat, jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-idoneità jew il-kompetenza biex isuq tad-detentur tal-liċenzja tas-sewqan jistgħu joħolqu riskju għas-sikurezza fit-toroq.

Artikolu 15e

Raġunijiet għal eżenzjoni

1. L-Istat Membru tal-ħruġ ma għandux jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 15d(1) u (2) meta:
 - (a) iċ-ċertifikat standard ta' skwalifika mis-sewqan ma jkunx komplut jew ikun manifestament żbaljat u l-informazzjoni nieqsa jew korretta, kif applikabbli, ma tkunx ingħatat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;
 - (b) abbażi tal-informazzjoni li jirċievi mingħand l-Istat Membru fejn isir ir-reat f'konformità mal-Artikolu 15f(2), il-punt (b), jiġi stabbilit li l-iskwalifika mis-sewqan tkun diġà ntemmet fl-Istat Membru fejn isir ir-reat sad-data li fiha l-miżuri msemmija fl-Artikolu 15d(1) jew (2) ikunu adottati mill-Istat Membru tal-ħruġ.

2. F'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, l-Istat Membru tal-ħruġ jista' japplika wkoll ir-raġunijiet għal eżenzjoni li ġejjin:
- (a) l-iskwalifika mis-sewqan hija relatata ma' reat li jwassal għal skwalifika mis-sewqan li, abbażi tal-informazzjoni nnotifikata skont l-Artikolu 15a, ma jirriżultax fi skwalifika mis-sewqan skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ;
 - (b) l-iskwalifika mis-sewqan tkun ġiet imposta biss għal raġunijiet ta' veloċità żejda u l-limitu tal-veloċità applikabbli fl-Istat Membru fejn isir ir-reat kien inqabeż b'anqas minn 50 km/h;
 - (c) l-iskwalifika mis-sewqan tkun preskritta skont il-liġi f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ;
 - (d) ikun hemm immunità jew privileġġ skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ li jagħmluha impossibbli li tiġi implimentata skwalifika mis-sewqan;
 - (e) ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen li x'aktarx ma jkunux ser jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali jew il-prinċipji legali fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jew
 - (f) il-liċenzja tas-sewqan implikata fin-notifika tkun diġà soġġetta għall-miżuri msemija fl-Artikolu 15d(1) jew (2) meħuda abbażi ta' notifika preċedenti oħra u li jkunu ta' durata itwal.

3. L-Istat Membru tal-ħruġ jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jeżamina jekk tapplikax raġuni għal eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 2. L-Istat Membru fejn isir ir-reat għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien u jista' jipprovdi kwalunkwe informazzjoni jew kumment addizzjonali li jqis rilevanti.

L-informazzjoni pprovduta skont dan il-paragrafu ma għandhiex tinkludi data personali għajr dik strettament meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 u għandha tintuża għall-iskop uniku tal-applikazzjoni ta' dawk il-paragrafi.

Artikolu 15f

Informazzjoni li għandha tiġi skambjata bejn l-Istati Membri meta tiġi implimentata skwalifika mis-sewqan imposta minn Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-ħruġ jew l-Istat Membru tar-residenza normali

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ħruġ għandha tikkomunika mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn isir ir-reat, b'mod strutturat u bl-użu ta' forma elettronika, f'konformità mal-Artikolu 22(3a), il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 15d jew id-deċiżjoni li tapplika raġuni għal eżenzjoni skont l-Artikolu 15e, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni.
2. Jekk ikun applikabbli, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn isir ir-reat għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-ħruġ dwar:
 - (a) kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa l-iskwalifika mis-sewqan imposta;
 - (b) tmiem l-iskwalifika mis-sewqan fl-Istat Membru fejn isir ir-reat.

Artikolu 15g

Informazzjoni li għandha tingħata lill-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan imposta minn Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-ħruġ jew l-Istat Membru tar-residenza normali, u rimedju legali disponibbli

1. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jinforma lill-persuna soġġetta għal skwalifika mis-sewqan b'notifika skont l-Artikolu 15a, sa fejn ikun possibbli mhux aktar tard minn 20 jum tax-xogħol wara li jirċieviha, f'konformità mal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali tiegħu.
2. L-informazzjoni li għandha tingħata lill-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan għandha tispeċifika mill-inqas:
 - (a) l-isem, l-indirizz postali, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown tal-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tal-iskwalifika mis-sewqan kemm tal-Istat Membru tal-ħruġ kif ukoll tal-Istat Membru fejn isir ir-reat; u
 - (b) ir-rimedji legali disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru tal-ħruġ, inkluż id-dritt li persuna tinstema'.
3. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jinforma lill-persuna soġġetta għall-iskwalifika mis-sewqan, sal-iskadenzi stabbiliti għan-notifika ta' deċiżjonijiet simili skont il-liġi nazzjonali tiegħu u f'konformità mal-proċeduri skont il-liġi nazzjonali tiegħuta' mill-inqas:
 - (a) l-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 15d(1) u (2);
 - (b) id-dettalji ta' dawk il-miżuri;

- (c) ir-rimedji legali disponibbli skont il-liġi nazzjonali biex jiġu kkontestati dawk il-miżuri; u
 - (d) il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-irkupru tal-liċenzja tas-sewqan eżistenti jew għall-applikazzjoni għal liċenzja tas-sewqan ġdida.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli rimedji legali adegwati kontra deċiżjonijiet jew miżuri meħuda skont l-Artikoli 15a sa 15g, b'mod partikolari kontra n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' raġuni għal eżenzjoni. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar tali rimedji tingħata fi żmien xieraq biex jiżguraw li dawk ir-rimedji jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv.
5. Skwalifika mis-sewqan innotifikata skont l-Artikolu 15a tista' tiġi kkontestata biss b'azzjoni mressqa fl-Istat Membru fejn isir ir-reat.
6. L-Istat Membru fejn isir ir-reat u l-Istat Membru tal-ħruġ għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar ir-rimedji legali mitluba kontra deċiżjonijiet jew miżuri meħuda skont l-Artikoli 15a sa 15g. Fuq talba tal-Istat Membru tal-ħruġ, l-Istat Membru fejn isir ir-reat għandu jagħti lill-Istat Membru tal-ħruġ kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.";

(4) fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Il-komunikazzjoni kollha bejn l-Istati Membri skont l-Artikoli 15a sa 15g għandha ssir permezz tan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess għan-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ddeżinjati għall-finijiet tal-Artikoli 15a sa 15g.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-punti ta' kuntatt nazzjonali rispettivi tagħhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tal-iskwalifiki mis-sewqan imposti għat-twettiq ta' reati li jwasslu għal skwalifika mis-sewqan, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti kollha tiġi skambjata fi żmien debitu.";

(5) fl-Artikolu 23, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Sa ... [erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u kull ħames snin wara dan, bħala parti mill-informazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, abbażi tad-data miġbura għal kull sena kalendarja, dwar:

- (a) l-għadd ta' notifiki li jirċievu skont l-Artikolu 15a(1), diżaggregati skont l-Istat Membru fejn isir ir-reat;
- (b) l-għadd ta' drabi li tkun ġiet invokata raġuni għal eżenzjoni skont l-Artikolu 15e, inkluż ir-raġunijiet għal eżenzjoni applikati, diżaggregati skont l-Istat Membru li jinnotifika; u

(c) kwalunkwe informazzjoni utli dwar il-funzjonament xieraq u l-effettività ta' din id-Direttiva skont l-Artikoli 15a sa 15g, inkluż fir-rigward tar-rimedji legali.";

(6) fl-Artikolu 24, il-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) il-possibbiltà li tiġi estiża aktar l-applikazzjoni tal-Artikoli 15a sa 15g għall-iskwalifika mis-sewqan imposti abbażi ta' reati tat-traffiku għajr ir-reati li jwasslu għal skwalifika mis-sewqan, li jkompli jittejjeb in-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE kif meħtieġ biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu ottimizzati l-proċessi ta' notifika, u li tiġi ffaċilitata aktar l-implimentazzjoni ta' skwalifika mis-sewqan imposta fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-ħruġ jew tar-residenza normali.".

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. Sa [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn ... [4 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Malli din id-Direttiva tkun daħlet fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni tkun mgħarrfa, fi żmien suffiċjenti sabiex din tkun tista' tippreżenta l-kummenti tagħha, bi kwalunkwe abbozz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jkollhom l-intenzjoni li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President